MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 885/1999/1

**Angelo Xuereb (Construction) Limited, u b`nota tal-10 ta` Mejju 2000 l-isem tal-kumpannija attrici kien indikat li sar AX Construction Limited**

***kontra***

**G&S Falzon Limited kif ezercitanti l-kummerc bl-isem Futura Woodworks**

**Il-Qorti :**

Rat ic-citazzjoni prezentata fil-21 ta’ April 1999 li taqra hekk –

*Premess illi s-socjeta` attrici nkarigat lis-socjeta` konvenuta taghmel u tforni ghamara ghal-lukanda*

*“Victoria Hotel”, f’Tas-Sliema, liema xogholijiet jirrizultaw mill-anness prospett Dokument “A”;*

*Premess illi l-ghamara kkummisjonata ma saritx skond is-sengha u l-arti u in konsegwenza ta’ din l-inadempjenza kontrattwali, is-socjeta` attrici sofriet id-danni ;*

*Premess illi ghalkemm l-istess socjeta` konvenuta giet inutilment interpellata tersaq sabiex tirrimpjazza l-ghamara mahduma mhux skond is-sengha u l-arti u teffettwa x-xogholijiet rimedjali u konsegwentement is-socjeta` attrici sofriet id-danni kemm fir-reputazzjoni taghha mal-klijenti u ma’ l-operaturi kif ukoll ghaliex ma kenitx f’posizzjoni li toffri dak li kienet twieghed illi toffri kif ukoll bil-konsegwenti telf u danni naxxenti minn servizz inferjuri – dan kollu konsegwenti ghan-nuqqas tas-socjeta` konvenuta ;*

*Tghid ghalhekk is-socjeta` konvenuta ghar-ragunijiet premessi ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:*

*1. Tiddeciedi u tiddikjara illi x-xoghol ta’ ghamara mahdum mis-socjeta` konvenuta mhux tal-kwalita` patwita u ma sarx skond is-sengha u l-arti ;*

*2. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn din il-Qorti tirrimpjazza u fejn possibbli taghmel ix-xogholijiet rimedjali necessarji ;*

*3. tawtorizza lis-socjeta` attrici li fin-nuqqas ta’ tali esekuzzjoni tezegwixxi a spejjez tas-socjeta` konvenuta ;*

*4. tiddikjara illi in konsegwenza ta’ l-inadempjenza kontrattwali tas-socjeta` konvenuta, is-socjeta` attrici sofriet id-danni ;*

*5. tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` attrici ;*

*6. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas l-istess danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni u bl-imghax mid-data ta’ l-ezekuzzjoni tal-kuntratt u bir-rizerva ta’ kull azzjoni fil-ligi.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata li kienet annessa mac-citazzjoni, il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta` attrici u l-elenku tad-dokumenti esebiti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet prezentata fl-24 ta’ Mejju 1999 li taqra hekk –

*1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi x-xoghol ta’ ghamara in kwistjoni sar skond l-istruzzjonijiet u rekwiziti stipulati mill-istess socjeta` attrici;*

*2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata li kienet annessa man-nota ta` l-eccezzjonijiet, il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta` attrici u l-elenku tad-dokumenti esebiti.

Rat in-nota tas-socjeta` attrici prezentata fl-10 ta` Mejju 2000 (fol 56) fejn iddikjarat li isimha kien inbidel ghal *AX Construction Limited.*

Rat li l-kumpannija attrici ghalqet il-provi taghha fl-udjenza tat-22 ta` Jannar 2001 (fol 62).

Rat li l-kumpannija konvenuta ghalqet il-provi taghha fl-udjenza tas-6 ta` Frar 2002 (fol 77).

Rat id-digriet moghti fl-udjenza tad-9 ta` Ottubru 2002 (fol 80) fejn din il-Qorti diversament presjeduta hatret lill-Perit Godwin Abela sabiex jirrelata dwar l-aspett tekniku tat-talba attrici.

Rat id-digriet moghti fit-30 ta` Ottubru 2002 (fol 81) fejn, wara rikors tal-Perit Godwin Abela prezentat fid-29 ta` Ottubru 2002, din il-Qorti diversament presjeduta laqghet it-talba tal-Perit Abela sabiex jigi sostitwit fl-inkariku bhala perit tekniku f`din il-kawza, ghar-raguni li indika l-istess perit fir-rikors tieghu.

Rat id-digriet moghti fl-udjenza tal-11 ta` April 2003 (fol 85) fejn din il-Qorti diversament presjeduta hatret lill-Perit David Pace bhala perit tekniku sabiex jirrelata dwar ix-xoghol li sar, id-danni pretizi u li jisma` dawk ix-xhieda li jigu ndikati lilu mill-partijiet.

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet tal-kumpannija attrici prezentata fit-28 ta` Mejju 2009 (fol 120 et seq) sabiex jiehu konjizzjoni taghha l-perit tekniku qabel jestendi r-relazzjoni.

Rat in-nota responsiva tal-kumpannija konvenuta prezentata fit-30 ta` Lulju 2009 (fol 132 et seq).

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku prezentata fis-7 ta` Settembru 2009 (fol 37 et seq) u mahlufa fl-udjenza quddiem din il-Qorti kif presjeduta tal-10 ta` Novembru 2009 (fol 187).

Rat il-lista ta` domandi prezentata fit-8 ta` Frar 2010 (fol 201 et seq) mill-kumpannija konvenuta ghall-eskussjoni tal-perit tekniku.

Rat li l-perit tekniku wiegeb *viva voce* ghal dawn id-domandi fl-udjenza tal-25 ta` Frar 2010 (fol 206 et seq).

Rat li f`din l-istess udjenza, il-kumpannija attrici rrinunzjat ghat-talba taghha ghall-hatra ta` periti teknici addizzjonali (fol 205).

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet tal-kumpannija konvenuta prezentata fl-24 ta` Gunju 2010 (fol 214 et seq).

Rat li l-udjenza tat-18 ta` Ottubru 2011 (fol 224) id-difensur tal-kumpannija attrici ddikjara li l-assistita tieghu ma kellha xejn aktar x'izzid man-noti diga` in atti u talab li l-kawza tithalla ghas-sentenza.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

**Ikkunsidrat :**

It-talbiet attrici huma naxxenti minn kuntratt bil-miktub ta` appalt ta` ghamara li sar bejn il-partijiet fejn il-kumpannija attrici ("AX") tallega li l-kumpannija konvenuta ("G & S") esegwiet l-appalt hazin fis-sens li ma kienx tal-kwalita` patwita u mhux skond l-arti u s-sengha. Ghalhekk qeghda tippretendi li fejn sar hazin jigi rimpjazzat kif ukoll trid li tithallas danni li ma gewx likwidati fl-att tac-citazzjoni.

L-ghamara in kwistjoni kellha tkun riciklata u tinhadem ghall-Hotel Victoria go Tas-Sliema minn ghamara li diga` kienet uzata fil-Hotel Verdala r-Rabat li hija maghluqa. Dwar l-ghamara, il-kuntratt jghid hekk : *Whereas the*
*Contractor desires that certain works should be carried out by the Sub-Contractor viz. the refurbishment of ex-Verdala furniture (Beds, bedside tables, dressing table/frigo, and luggage rack) and joinery in guestrooms (wardrobe, hardwood skirting) at The Victoria Hotel (thereinafter called the Sub-Contract works).* Jinghad ukoll fl-istess kuntratt (ara fol. 7) : *The Sub-Contract Works shall be installed and finished to the specifications laid down by the Contractor.* Apparti dan, kien patwit li - *The Sub-Contractor shall deliver and install all specified items in this Contract complete with every necessary detail and fitting. The materials and fittings of every kind used are to be free from defects and the workmanship has to be of a first class quality.* (ara fol. 7). G & S kienet inkarigata tahdem ghamara ghal 137 kamra tal-lukanda. Kull kamra kellha tigi tiswa Lm345.

Jirrizulta li AX kienet inkarikat zewg konsulenti - Valerie Loporto (illum mejta) u Christopher Paris - sabiex jahdmu *sample room* li fuqha G & S kellha imbaghad tahdem l-ghamara ghall-Hotel Victoria skond il-pattijiet ta` l-kuntratt.

Raymond Gatt, *project manager* mas-socjeta` Oil and Construction International Ltd., li kienet il-kumpanija li fformulat il-kuntratt ta’ appalt bejn il-partijiet, xehed hekk : *Illi ahna lil Futura Woodworks* (u cioe` G & S) *li kien is-supplying contractor u l-fitter fornejnihom b’dawn id-disinni izda qatt ma specifikajnilhom rigward il-mod ta’ kif dawn ghandhom jigu kostruwiti jekk hux bil-mincotti jew dowels – din del resto ma kenitx kompetenza tad-designers u dan kien jaqa` fl-ambitu tal-professjoni taghhom cioe` ta` Futura Woodworks u la ahna bhala kumpannija u lanqas id-designers taghna ma` ghidnilhom kif ghandhom*

*jaghmlu xogholhom.* Gatt kompla jixhed hekk : *Illi irrizulta li x-xoghol li ghamlu l-konvenuti fuq l-ghamara l-gdida kien difettuz u liema difetti kienu jikkonsistu fil-warpage tal-bibien tal-gwardarobbi kif ukoll il-back panels ta' l-istess ma kienux b'sahhithom bizzejjed u bdew jinqalghu.*

Christopher Paris, wiehed mid-*designers* li ghamel id-disinji (ara fol. 17 tal-process), fix-xhieda tieghu jghid hekk (ara fol. 54) :

*Illi ahna konna iddisinjajna din is-sample room u tajna specifications rigward id-disinnji ta' l-ghamara, daqsijiet, accessorji u kuluri – ovvjament ma dhalniex fid-dettalji li jirrigwardaw il-kostruzzjoni u l-manifattura ta` l-ghamara ghax ahna designers u mhux mastrudaxxi apparti mill-fatt li bhala nies professjonali ahna qatt ma ghandna nidhlu fuq ix-xoghol ta` haddiehor izda nikkordinaw b`tali mod li wiehed ikompli fuq li jkun ghamel l-iehor – ghalhekk ahna ghamilna d-designs u Futura Woodworks min-naha taghhom kellhom ikomplu fuq ix-xoghol taghna kif tirrikjedi s-sengha u l-arti tal-mastrudaxxi.*

Dwar l-*outline specifications* u *furniture requirements* (ara fol. 55) li nghataw lil G & S, jinghad hekk - *3 leaf door panel unit consisting of two distinct compartments. The door panels, framework and all exposed timber sections shall be spray paint finished colour to match existing sample room. The door panels shall be adorned with brass coloured self-adhesive half round 10mm max. in cross section width plastic or timber beading and including brass spherical knobs. The front shall be inclusive of a 100mm high base plinth also in the same colour to match the door panels. The carcass consisting of 15 mm thick melamine faced MDF boarding is composed of two sections one 900mm wide inclusive of white vinyl coated clothes hanging rod. The second compartment is compsoed of open shelving unit subdivided into six compartments of varying dimensions as shown on attached drawing VHP 013. Dimensions 1400W x 2200H x 560.*

Claire Xuereb, *Acting General Manager* tal-Hotel Victoria, xehdet hekk -

*Minn stejjem li ghamilna ghal xoghol remedjarju u permanenti, jirrizulta illi l-ispiza tammonta ghal xi hamsa u erbghin Lira eskluz il-VAT ghal kull bieba difettuza, minbarra xi spejjez ohra. Li nzid f'dan l-istadju huwa illi d-difetti tal-bibien jezisti f'mitejn u tlieta u tmenin bieba (mill-erba' mija u hdax-il bieba illi hemm fil-lukanda, u dana ghaliex hemm mija u sebgha u tletin gwardarobba bi tliet bibien il-wahda). Barra minn hekk, l-ispiza biex jittranga d-dahar sejra tiswa bejn ghaxra u hmistax-il Lira eskluz il-VAT. Id-difett tad-dahar jezisti f'wiehed u sittin gwardarobba mill-mija u sebgha u tletin. Minn dawn il-wiehed u sittin, ahna ghamilna xoghol reparatorju temporanju fi tmintax minnhom.*

Philip Baldacchino, *Maintenance Manager* tal-Hotel Victoria, xehed –

*Fil-Victoria Hotel jezistu zewg tipi ta' gwardarobbi : dawk ta' kulur blu u dawk ta' kulur kannella. Il-problemi rigwardanti dawn il-gwardarobbi kienu tnejn. L-ewwel problema hija dik illi f'hafna minn dawn il-gwardarobbi, il-bibien tbewwqu. Il-problema l-ohra hija illi d-dahar ta' dawn il-gwardarobbi beda jinqala' minn ma' l-bqija ta' l-istruttura.* (ara fol. 99)

Joseph Penza, direttur tas-socjeta' Mobilia Penza Ltd, li kien inkarikat minn AX sabiex tesegwixxi x-xogholijiet rimedjali xehed hekk (a fol. 73) –

*Jiena kif rajt din is-sample room immedjatament dort fuq Chris* (u cioe` Christopher Paris) *u gbidtlu l-attenzjoni illi kif kienu mahdumin il-bibien tal-gwardarobba dawn ma kienux teknikament mahdumin tajjeb, u cioe` ma kienux skond is-sengha. Issuggerejt lil Chris li jinforma lil min kien inkarigat bil-progett, illi l-bibien iridu jsiru solid wood*

*frame u panels u allura wkoll li dan kien ser ibiddel xi ftit id-dehra tal-mudell minn dak attwali.*

Angelo Xuereb, direttur ta` AX, xehed - *Huwa car illi dan huwa kaz ta` manifattura jew uzu ta` materjal hazing, mhux bhal tas-sample room. Is-sezzjoni fil-lukanda nkarigata mill-maintenance ipprovaw kemm jista` jkun itaffu l-problema imma l-unika soluzzjoni hija illi dawn il-bibien jigu mibdula.* (ara fol.94).

Joseph Penza sostna li meta hu ghamel kuntatt mad-*designer* Valerie Loporto dik qaltlu biex isegwi ezatt il-mudell peress li kien intoghgob mill-Bord tad-Diretturi ta` AX kif ukoll ma riedux jonfqu izjed min-nefqa li kienet prevista (ara fol. 74 u fol. 76). Qal ukoll - '*ahna hdimna ix-xoghol ezatt fuq is-sample room u l-unici designs li nghatawlna kienu rough fuq karta A4. Ma inghatajna l-ebda dettalji ohra minghand id-designers* (ara fol. 74). Ikompli jixhed - '*ahna gejna pprezentati b'sample room li assolutament ma kellniex diskrezzjoni nbiddlu xi haga fiha. Anzi saret insistenza maghna u ma` G & S Falzon Limited illi x-xoghol kellu jsir ezattament bhall-kampjun. Ghandi nghid illi jien lid-designer Loporto ghidtilha straight away li teknikament il-bibien kienu maghmula hazin u li ghalhekk kien hemm cans li dawn jikkawzaw problemi fil-futur'* (ara fol. 75).

**Ikkunsidrat :**

In-natura tal-kuntratt ta' appalt kienet trattata fis-sentenza ta' din il-Qorti tad-9 ta' April 1968 fil-kawza **"<u>Busuttil vs Fedele et</u>"** fejn kienet citata s-sentenza ta' l-Qorti tal-Kummerc moghtija fid-9 ta' Marzu 1939 fil-kawza **"<u>Micallef vs Mamo et noe</u>"** (Vol.XXX.III.433). Fis-sentenza citata, din il-Qorti qalet hekk –

*... il-kuntratt ta' appalt huwa kuntratt bilaterali u dejjem soggett ghal patt kommissorju tacitu. Konsegwentement*

*meta d-difetti fl-ezekuzzjoni jkunu ppruvati, il-kriterju essenzjali tad-decizjoni tinsab fl-ezami jekk ix-xoghol ikunx affett jew le minn vizzji sostanzjali. Dawn huma dawk id-difetti, imsejhin ukoll essenzjali, li jipprivaw il-haga mill-iskop jew mill-utilita' taghhom b'mod li ma tibqax tikkorrispondi ghad-destinazzjoni proposta mill-kommittent u ndikata min-natura stess tax-xoghol waqt li l-ohrajn kollha ghandhom jigu ritenuti mhux essenzjali. Meta d-difetti jkunu essenzjali, l-kommittent ghandu d-dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt minhabba l-inadempjenza. Meta ghal kuntrarju d-difett ma jkunx sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jigi ritenut inadempjenti pero' jibqa' obbligat li jirripara d-difetti jew jaccetta riduzzjoni.*

Din is-sentenza kienet segwita mid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Kummerc) tat-22 ta' Gunju 1994 fil-kawza **"Bonnici noe vs Sammut"**.

Punt interrogativ li johrog mill-kumpless tal-provi huwa ghaliex G & S accettat li toqghod ghal kuntratt meta qeghda tghid li kienet gibdet l-attenzjoni ta` AX *a priori* illi s-*sample room* kienet difettuza. Jekk dak kien il-kaz, allura G & S kien messha jew irrifjutat li toqghod ghal dak l-appalt, jekk kienet hekk konvinta li kien ser ikun hemm difetti fil-manifattura, jew inkella kien messha kkontrattat klawsola ta` esoneru tar-responsabilita` taghha fil-kaz li kien jirrizulta xoghol hazin naxxenti minn difetti fil-manifattura tas-*sample room*.

Huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna illi l-appaltatur mhux eskluz mir-responsabbilita` jekk ix-xoghol isir hazin ghaliex il-kommittent jinsisti li jsir b`mod li ma jkunx dettall mis-sengha u l-arti. Huwa fil-fatt dmir ta` l-appaltatur li jirrezisti ordnijiet li jmorru kontra s-sengha u l-arti. (**"Micallef vs Agius"** – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 9 ta` Gunju 2004).

Din il-Qorti jidhrilha li ghandha tikkonferma, u fl-istess waqt taghmel taghha, l-principji ta` dritt li jirregolaw l-appalt, u li sintesi akkurata taghhom hija migbura fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza "**Darmanin vs Agius"** li kienet deciza fid-9 ta` Ottubru 2004.

Il-Qorti qalet hekk -

*Bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li `l quddiem juri difetti. "L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria" (**Kollez Vol. XXVII pI p373**). Dan fis-sens li hu "ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu" (**Kollez Vol XL pI p485**) ;*

*It-tieni principju jghid illi "L-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina" (**Kollez. Vol XXXVII pIII p883**). Ghax kif jinsab ritenut ukoll "f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmelx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu l-quddiem" (**Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et noe**", Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972). Dan hu hekk avvolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol (**Kollez. Vol XLI pI p667**) jew l-appaltatur ikun mexa skond l-ispecifications jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent.*

*"E` dovere dell'appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrari alle buone regole dell'arte" (**Kollez Vol. XXV pI p727**).*

Anke fuq l-iskorta ta` dawn l-insenjamenti, G & S bhala l-appaltatur kellha tirrifjuta li tezegwixxi xoghol kif propost lilha jekk kienet tal-fehma li x-xoghol ma kienx kif

titlob l-arti u s-sengha. Ghax altrimenti kien ikollha twiegeb ghad-difetti li jistghu jirrizultaw `l quddiem (“**Blackman vs Farrugia”** op. cit.)

L-appaltatur huwa dejjem obbligat li jaghmel opra sodisfacenti u ma jistax jallega illi huwa kien sfurzat jew ordnat mill-kommittent sabiex jezegwixxi xoghol li ma kienx skond l-arti u s-sengha peress illi l-appaltatur huwa obbligat li jirrifjuta li jaghmel xoghol ta’ kwalita’ inferjuri. Inghad illi *meta allura jirrizultaw dawn id-difetti, kif certament hu l-kaz in ispecje, l-appaltatur jitqies in kolpa minhabba inadempiment. “Il-kolpa kontrattwali hija dik li tikkonsisti fin-nuqqas ta’ l-ezekuzzjoni, jew f’ezekuzzjoni hazina, ta’ l-obbligazzjoni rizultanti mill-kuntratt” (**Kollez. Vol XXXVIII. pI p292**).*

**Ikkunsidrat :**

F`din il-kawza, il-Qorti kienet hatret perit tekniku.

Fir-relazzjoni tieghu, il-perit tekniku jghid illi – *waqt l-accessi illi zamm illi ghal dak li jirrigwarda x-xoghol mahdum fil-lukanda Victoria kien hemm verament difett fis-sens illi l-bibien ta’ whud mill-gwardarobbi kien qed jinbarmu u jaghti dehra kerha kif ukoll illi f’xi ohrajn id-dahar tal-gwardarobba kien qed jinqala*` (ara fol. 142)

Il-perit tekniku josserva wkoll illi - *fis-sample room illi tinsab f’kamra maghluqa gewwa l-bitha tas-socjeta’ attrici gewwa n-Naxxar fejn l-ambjent huwa certament umdu u ma hemm l-ebda sistema illi ttaffi l-estremi ta’ shana u kesha minhabba tibdil ambjental, ix-xoghol mahdum ta’ dan is-sample room baqa’ tajjeb u ma gewx riskontrati d-difetti illi hemm fl-ghamara tal-Hotel Victoria’.*

Il-perit tekniku jikkonkludi illi - *il-process biex jinhadem u jinghaqad ix-xoghol mahdum mis-socjeta' konvenuta spicca biex ta ir-rizultat illi ta lok ghal din il-kawza.* (ara fol. 144).

Il-konsiderazzjonijiet u l-konkluzjonijiet ta' natura teknika li jsiru minn perit mahtur mill-Qorti jikkostitwixxu prova ferm importanti ghall-gudikant biex ikun jista' jasal ghad-decizjoni tieghu.

Dwar il-konkluzjonijiet ta' espert tekniku, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tad-19 ta' Novembru 2001 fil-kawza **"Calleja vs Mifsud"** irriteniet li -

*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta` fattt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika.*

Bhala fatt, ghandu jinghad li l-konkluzjonijiet tal-perit tekniku ma jidhirx li lahqu l-aspettattivi ta` G & S. Fil-fatt dawn talbu l-hatra ta` periti teknici addizzjonali, pero` in segwitu ma baqghux jinsistu fuq dik il-hatra, wara li l-perit

tekniku wiegeb ghal domandi in eskussjoni li sarulu, u llimitaw ruhhom ghall-presentata ta` nota ta` osservazzjonijiet.

Din il-Qorti trid tghid li ghalkemm mhix marbuta li taccetta il-konkluzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha (*dictum expertorum numquam transit in rem judicata*), fl-istess waqt dak *ma jfissirx pero` illi dan il-Qorti tista' taghmlu b' mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b' ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami* ("**Grima vs Mamo et noe" –** Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998)**.** *Jigifieri l-Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta' tali relazzjoni ma kienetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku.* ("**Cauchi vs Mercieca" –** Qorti tal-Appell – 6 ta' Ottubru 1999 **; "Saliba vs Farrugia**" – Qorti tal-Appell – 28 ta' Jannar 2000 u "**Calleja *noe* vs Mifsud**" – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001). Il-*giudizio dell` arte espressa mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta' talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli*" – ("**Bugeja *et* vs Muscat et" –** Qorti tal-Appell – 23 ta` Gunju 1967).

Fl-isfond tal-kumpless tal-provi, mehud fil-kuntest ta` dak li tghid il-ligi u l-gurisprudenza, din il-Qorti tafferma li in linea generali sejra toqghod fuq l-opinjoni traccjata mill-perit tekniku, pero` hemm aspetti tal-konkluzjonijiet peritali fejn se jkollha tiddipartixxi mill-fehmiet tal-perit tekniku.

Il-partijiet jaqblu li fl-appalt kien uzat l-istess materjal bl-istess hxuna u fuq l-istess disinn ta` dak tas-*sample room*. Infatti fil-25 ta' Marzu 2004 waqt l-access li sar mill-

perit tekniku fuq il-post, sar verbal li jghid hekk - '*Il-partijiet jaqblu illi d-dizinn u hxuniet ta' l-injam huma identici ghax-xoghol li gie pprovdut mis-socjeta' konvenuta, u li anke` l-metodu ta' manifattura u twahhil tax-xoghol huwa l-istess'.*

Jirrizulta li kien hemm differenza bejn il-kondizzjoni tas-*sample room* li kienet ghadha fi stat tajjeb u numru kbir ta` bibien u gwardarobbi li tpoggew fil-Hotel Victoria u li fihom hargu d-difetti. Hawn jinsorgi l-kwesit : jekk il-materjal uzat kien identiku, u dak fis-*sample room* baqa' tajjeb, waqt li dak tal-lukanda ma baqax tajjeb, allura jista` jkun, anke fuq bilanc ta` probabilitajiet, li d-difetti kienu attriwibbli *in parte* minhabba l-uzu kontinwu fil-lukanda, u dan b`kuntrast man-nuqqas ta' uzu tas-*sample room* li kienet manifatturata appuntu sabiex isservi ta' mudell ghall-kmamar tal-lukanda, u *in parte* minhabba xoghol mhux skond l-arti u s-sengha da parti ta` G & S, kif ikkonkluda l-perit tekniku ? Bla ma tkun pruzuntuza, izda fl-istess waqt b`*saqajha ben saldi fl-art*, in linea mar-realtajiet tal-hajja ta` kuljum, ghaliex anke dawn huma konsiderazzjonijeiet li ghandhom piz ghall-fini tal-kriterju tal-bilanc ta` probabilitajiet, din il-Qorti tghid li l-ghamara *de qua* kienet manifatturata sabiex tintuza go lukanda minn klijenti differenti b`imgieba u kondotta mill-aktar svarjata. Certament ma kenitx intiza sabiex tkun ghamara ta` *showcase*. Allura fiz-zmien li kienet qeghda tigi manufatturata kellu jitqies bhala punt ta` riferenza l-fatt li dik l-ghamara kienet intiza propju sabiex tintuza fuq bazi frekwenti u regolari. Din il-Qorti qeghda tghid li tnejn kienu l-fatturi li wasslu ghad-difetti li kienu riskontrati – u cioe` nuqqas fis-sengha u arti, u strapazz attribwibbli ghall-uzu regolari ta' l-ghamara. Kwesit iehor rilevanti huwa - li kieku l-ghamara tabilhaqq saret skond l-arti u s-sengha, kienu jsehhu d-difetti accertati wara seba` snin u cioe` bejn l-1997 u l-2004 ? Ghal dan il-kwesit, din il-Qorti m'ghandhiex risposta. Propju ghaliex ir-relazzjoni peritali ma taghtix risposta.

**Ikkunsidrat :**

Ghalhekk ghar-rigward tal-ewwel talba, kollox meqjus, b`osservanza tad-dritt izda b`sens ta` gustizzja, din il-Qorti qeghda *arbitrio boni viri* tattribwixxi l-kagun tad-difetti riskontrati in kwantu ghal 80% minhabba xoghol karenti fl-arti u s-sengha da parti ta` G & S, u in kwantu ghall-bqija u cioe` 20% ghall-uzu u strapazz li ghandu jibqa` a kariku ta` AX. Din il-Qorti waslet ghal din ir-ripartizzjoni *anke* wara li hadet in konsiderazzjoni l-fatt li sar uzu mill-ghamara in kwistjoni fil-lukanda ghad-destinazzjoni intiza ghal seba` snin sa ma l-perit tekniku zamm l-ewwel access fl-2004.

Ghar-rigward tat-tieni u tat-tielet talbiet, din il-Qorti sejra tipprovdi fid-*decide*.

Ghar-rigward tar-raba` talba, din il-Qorti tghid li G & S ghandha ggorr grad ta` 80% tar-responsabilita` ghal danni.

Ghar-rigward tal-hames u s-sitt talbiet, din il-Qorti taghmel taghha l-konstatazzjoni tal-perit tekniku inserita fil-paragrafu 15 tar-relazzjoni (pag.9 a fol 145), tillikwida d-danni attrici fl-ammont ta` €465.87 ekwivalenti ghal Lm 200 u tghid li minnhom G & S ghandha thallas €372.69.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi kif gej –**

**Tilqa` l-ewwel talba parzjalment billi tiddikjara li l-kumpannija konvenuta kienet responsabbli fi grad ta` tmenin fil-mija (80%) sabiex ix-xoghol ta' ghamara mertu ta` din il-kawza li hadmet b`inkariku tal-kumpannija attrici ma sarx kif titlob l-arti u s-sengha.**

**Tipprovdi dwar it-tieni talba billi tordna lill-kumpannija konvenuta sabiex sa zmien tliet xhur mil-lum tezegwixxi x-xogholijiet rimedjali necessarji**

**sabiex jitnehhew id-difetti mill-ghamara in kwistjoni u li gew identifikati u accertati fil-kors ta` din il-kawza. L-ezekuzzjoni ta` dawn ix-xogholijiet rimedjali trid issir taht is-supervizjoni tal-Perit David Pace li qieghed jigi nkarikat minn din il-Qorti ghal dan l-iskop. L-ispejjez tax-xogholijiet rimedjali ghandhom jithallsu in kwantu ghal tmenin fil-mija (80%) mill-kumpannija konvenuta u in kwantu ghal ghoxrin fil-mija (20%) mill-kumpannija attrici.**

**Tipprovdi dwar it-tielet talba billi tghid li fil-kaz li l-kumpannija konvenuta ma twettaqx ix-xogholijiet rimedjali fuq riferiti fit-terminu stabbilit fil-provvediment ta` qabel dan, allura l-kumpannija attrici qeghda tkun awtorizzata sabiex tezegwixxi hi dawk ix-xogholijiet taht is-supervizjoni tal-Perit David Pace li qieghed jigi nkarikat minn din il-Qorti ghal dan l-iskop. L-ispejjez tax-xogholijiet rimedjali ghandhom jithallsu in kwantu ghal tmenin fil-mija (80%) mill-kumpannija konvenuta u in kwantu ghal ghoxrin fil-mija (20%) mill-kumpannija attrici.**

**Tilqa` r-raba` talba parzjalment u tiddikjara lill-kumpannija konvenuta responsabbli ghad-danni tal-kumpannija attrici sal-grad ta` tmenin fil-mija (80%).**

**Riferibbilment ghall-hames talba, tillikwida d-danni tal-kumpannija attrici fl-ammont ta` erba` mija hamsa u sittin Ewro sebgha u tmenin centezmu (€465.87).**

**Riferibbilment ghas-sitt talba, tikkundanna lill-kumpannija konvenuta thallas lill-kumpannija attrici s-somma ta` tliet mija tnejn u sebghin Ewro disgha u sittin centezmu (€372.69) bl-imghax legali b`effett mil-lum.**

**Tordna li l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, inkluzi l-ispejjez relatati mal-hatra tal-Perit David Pace li qeghda ssir bis-sentenza tal-lum, ghandhom jithallsu in kwantu ghal tmenin fil-mija (80%) mill-kumpannija konvenuta u in kwantu ghal ghoxrin fil-mija (20%) mill-kumpannija attrici.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------